MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 73/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat epprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent A B u l-intimata C D żżewwgu nhar is-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bhala Dok. FM1;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewwġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikologika serja li tagħmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

4. Illi l-partijiet eskludew il-prolazzjoni ta' l-ulied u għalhekk element essenzjali tal-ħajja miżżewġa kienet eskluża;

5. Illi l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar;

6. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa nġunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-konvenuta tal-4 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha ammettiet it-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur stante li hija eskludiet il-prolazzjoni tal-ulied bejniethom u stante wkoll li zammet mistura d-decizzjoni taghha li ma jkollhiex aktar ulied (u dan wara li kellha wild minn relazzjoni precedenti). L-esponenti tiddikjara wkoll li qatt ma kellha intenzjoni li tifforma familja u tibni relazzjoni ta' zwieg mal-attur izda dahlet ghal tali

zwieg b'mod mghaggel immens b'intenzjoni li binha Zven D jkollu missier u xejn aktar;

Semghet lix-xiehda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi huwa iltaqa mal-konvenuta permezz ta' hbieb komuni fis-sajf tas-sena 2008. Kollox kien tajjeb bejniethom, izda hu kellu problemi relatati mal-visa u ghalhekk ma hasibhiex darbtejn sabiex jitlob lill-konvenuta tizzewgu. Huwa haseb illi b'hekk kien isolvi il-problemi tieghu tal-visa u fl-istess hin ikun izzewweg persuna li toghgbu. Dan ghamlu minkejja illi kien jaf illi il-konvenuta kellha tifel minn relazzjoni illi kellha ma xi hadd qabel. L-attur xehed illi il-konvenuta accettat li tizzewgu mal-ewwel u haseb ghall-preparament kollha tat-tieg u hallas ghal kollox hu, inkluz ghall-libsa tal-gharusa. Ghamel ukoll arrangament sabiex jikri appartament San Pawl il-Bahar. Kollox sar ta' malajr, tant illi fi zmien erba' (4) xhur izzewgu bir-registru il-Belt Valletta. Wara ic-cerimonja kienu ghamlu ikla. L-attur xehed illi illum il-gurnata induna illi il-konvenuta hallietu jaghmel kollox wahdu mhux ghaliex fehmet li kienet l-uzanza li isir hekk fl-Egittu, pajjizu, izda ghaliex ma kienitx entuzjasta sabiex tizzewgu. L-attur kompla jixhed illi ezatt kif izzewgu il-konvenuta bdiet turih li ma kienitx kuntenta u bidlet l-attitudini taghha lejh. Effettivament damu jghixu biss flimkien xahrejn ghaliex il-konvenuta riedet li hi u hu imorru jghixu ghand ommha, fejn kien jghix ukoll binha u hu accetta li jaghmel hekk. Haseb li l-konvenuta ser tkun iktar ferhana, izda irrizulta illi il-konvenuta ghamlet hekk mhux biex tkun ma binha, izda biex tohrog mal-hbieb taghha meta u kif trid. L-attur xehed illi ma kienx ihobb lill-konvenuta meta izzewwigha, izda haseb li maz-zmien setgha isir ihobbha. Kien ghalhekk illi haseb li kien ikun ahjar illi jkollhom it-tfal biex jiffurmaw familja u jkunu

maqughdin. Izda meta qal b'dan lill-konvenuta hi qaltlu "jien ghandi tifel u ma irridx tfal". Minkejja li ghamel kollox biex jikkonvinciha, il-konvenuta irrifjutat illi jkollhom tfal. L-attur xehed illi li kieku il-konvenuta kienet sinciera mieghu fuq dan il-punt huwa ma kienx jizzewwigha. L-attur kompla jixhed illi illum il-gurnata irrealizza illi il-konvenuta izzewgitu biss sabiex ikollha missier ghal binha u xejn aktar u mhux ghaliex kienet verament thobbu u ghax verament riedet tifforma familja mieghu. L-attur xehed illi iz-zwieg taghhom ma kienx zwieg ta' veru. It-tnejn li huma hadu decizjoni ta' malajr u ma kienux ippreparati ghaz-zwieg. Il-konvenuta izzewget biex ikollha missier ghal binha u kien mohha biss biex tohrog u tiddeverti mal-hbieb u hu izzewweg mhux ghaliex kien ihobb il-konvenuta izda biex isolvi il-problema li kellu tal-visa.

Il-Qorti rat illi l-konvenuta ukoll xehdet f'dawn il-proceduri. Hija qalet illi wara erba', jew hames xhur li saret taf lill-attur kienet izzewgitu u ghamlet dan ghaliex ommha kienet tghidilha biex tissetilja peress illi kellha tifel minn ta' ragel iehor u ghalhekk rieditha tizzewweg sabiex tingabar u binha ikollu missier. Il-konvenuta ammettiet li ma kienitx thobb lill-attur u proprjament kien l-attur illi ipproponilha iz-zwieg peress illi kellu problema bil-visa u kien ser jitkecca minn Malta. Il-konvenuta ammettiet illi minkejja il-fatt illi l-attur kien kera flat, wara xi xahrejn hija riedet tmur tghix ghand ommha biex toqghod mat-tifel u hekk sar, izda ghamlet hekk biex tibda tohrog mal-hbieb. Il-konvenuta ammettiet illi ma setghetx thobb lill-attur peress li baqghet thobb lil missier binha u sussegwentement regghet bdiet tohrog ma missier binha wara li dan kien hareg mill-habs. Il-konvenuta ammettiet ukoll illi hija ma rieditx ikollha tfal minn zwieg taghha peress li ma kienitx thobb lil zewgha u ghalhekk ma rieditx tikkomplika hajjitha. Il-konvenuta ammettiet illi l-ewwel kienet qalet lill-attur illi wara iz-zwieg riedet tfal, izda wara li izzewwigha qaltlu li ma rieditx tfal.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-attur qieghed jitlob illi dan iz-zwieg jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ai termini

tal-artikoli 19 (1) (c) u 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 jghid illi l-kunsens ikun null jekk il-kunsens tal-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga. Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti effettivament il-konvenuta qarqet bl-attur dwar kwalita da parti taghha li setghet mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dana peress illi hija qaltlu li riedet illi jkollha tfal, izda wara iz-zwieg qaltlu il-verita u cioe' illi hija ma rieditx tfal minghandu.

Illi din il-kwalita hija essenzjali ghall-hajja mizzewga u ghalhekk il-Qorti rat illi irrizuta il-qerq da parti tal-konvenuta. Hija qarqet bl-attur, ma qaltlux li ma rieditx tfal minghandu u ghamlet hekk sabiex hu jizzewwigha.

Illi f'dan is-sens il-Qorti rat is-sentenza illi inghatat fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et nomine** fejn il-Qorti qalet "***sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Illi il-Qorti rat illi l-attur irnexxielu jipprova dawn il-kundizzjonijiet kollha u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-attur invoka ukoll l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, izda il-Qorti tara illi peress illi irrizulta ampjament illi dan iz-zwieg ghandu jigi iddikjarat null ghall-finijiet tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemmx bzonn illi il-Qorti tistharreg din il-kawzali ukoll.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talba attrici u qeghda tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet fuq imsemmija kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------